**Is-Sħubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea – 2004**




Il-Bank Ċentrali ta’ Malta ħareġ munita tad-deheb “*Proof*” biex ifakkar is-Sħubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta’ Mejju 2004.

Il-munita tfasslet minn Marc Spiteri, li kien ir-rebbieħ ta’ Kompetizzjoni Nazzjonali għall-għażla tat-tema mnedija mill-Bank. L-artist Malti Noel Galea Bason fassal l-Emblema ta’ Malta, li tidher fuq wiċċ il-munita.

Id-disinn li ntgħażel jirrappreżenta s-Sħubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea permezz tat-trikkib fuq xulxin tal-bnadar rispettivi ġo ċirku msawwar mit-tnax-il kewkba ta’ l-Unjoni.

Din il-munita tad-Deheb “*Proof*” kienet valuta legali f’Malta għall-valur ta’ Lm25 sal-31 ta’ Jannar 2008, u kienet inħadmet mir-*Royal Mint* fir-Renju Unit bl-ispeċifikazzjonijiet miġjubin hawn taħt:

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titolu** | **Titolu massimu ta’ muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Deheb “Proof” | Lm25 | 19.30 | 3.994 | 916.7 | 6,000 |